**23 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Marianna Grech ne.

*versus*

Frank Gulia et.

**Kuraturi — Art. 928 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kuraturi jiġu mill-Qorti nominati "biex jidħru u jiddefendu" f'kawża l-parti li huma jiġu nominati biex jirrappreżentaw. L-uffiċċju tal-kuratur huwa simili għal dak tal-mandatarju, u l-poteri tiegħu huma limitati mit-termini tal-mandat; jiġifieri huma ristretti għall-kawża li għaliha jkun ġie nominat, u jispiċċaw bis-sentenza u l-eżekuzzjoni tagħha.*

*Għaldaqstant, il-kuratur ma jistgħax jintervjeni f'kawża oħra; wisq anqas meta l-kawża l-oħra tkun intiża biex twaqqa' s-sentenza li fiha hu kien parti.*

*Hekk, jekk kuraturi ġew nominati biex jirrappreżentaw wieħed assenti f'kawża fejn hija mitluba l-kundanna tiegħu u ta' oħrajn għall-pagament ta' ċens arretrat u għad-devoluzzjoni tal-fond enfitewtiku favur il-padrun dirett attur, dawk il-kuraturi mhumiex persuni leġittimi biex jirrappreżentaw lil dak l-istess assenti f'kawża oħra fejn wieħed mill-konvenuti tal-kawża ta' qabel jitlob li tiġi annullata s-sentenza*

*ta' qabel, li kienet akkordat ix-xoljiment tal-enfitewsi u d-devoluzzjoni tal-fond bil-benefikati favur il-padrun dirett.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi nomine, wara li ppremettiet illi l-instanti huwa l-possessur tal-utili dominju perpetwu tal-fond No. 46 Zonqor Terrace, Marsaskala, li hu soġġett għaċ-ċens ta' 7s. 6d. fis-sena bħala rata tiegħu minn ċens akbar; u peress li dan il-fond hu mibni fuq parti minn terran li tiegħu l-konvenuti kollha, barra mill-kuraturi, huma l-padruni diretti skond l-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon tal-4 ta' Settembru 1894 u tal-11 ta' Ġunju 1900; u peress illi l-attur kien ikkomunika diversi drabi mal-padruni diretti biex jiġi rikonoxxut, u jħallas il-lawdemju u ċ-ċens; u peress illi, ad insaputa tal-instanti, u mingħajr ma l-konvenuti nfurmaw lill-instanti bl-ebda mod, u mingħajr ma daħħluh fil-kawża, il-konvenuti (barra l-kuraturi) ottenew minn din il-Qorti, b'sentenza tat-3 ta' Frar 1959 fil-kawża "Gulia vs. Portanier", il-kundanna ta' Vinċenzo Borda, enfitewta oriġinali, għall-pagament ta' £33 arretrati ta' ċens u x-xoljiment tal-enfitewsi u d-devoluzzjoni tal-benefikati, inkluż il-fond fuq imsemmi, favur tagħhom, u nterpellaw lill-instanti biex jirrilaxxja l-fond; u peress illi t-terminu ta' xahrejn mogħti minn din il-Qorti għall-purgazzjoni tal-mora għadda inutilment, billi l-instanti sar jaf bis-sentenza u t-terminu wara li kien ġa ddekorra t-terminu; u peress illi s-sentenza fuq imsemmija ma tagħmelx stat di fronti għalieh, stante li hu, bħala l-attwali possessur, kellu jkun imdaħħal bħala parti fil-kawża; u peress illi, subordinatament għall-premess, ir-rapporti fuq indikati li kellu l-instanti mal-padruni diretti, in-nuqqas tagħhom u tal-kuraturi li jinfurmawh dwar il-morożità, u l-kawża u t-terminu u ċ-ċirkustanzi oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni, jikkostitwixxu kawża ġusta biex il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha tordna r-"restitutio in integrum" tal-instanti riferibbilment għat-terminu konċess għall-purgazzjoni tal-mora, biex b'hekk jiġi evitat preġudizzju gravi lill-instanti — preġudizzju nkors mingħajr ħtija tiegħu;

Wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, talbet (1) li din il-Qorti tiddeċidi u tiddikjara illi s-sentenza minnha mogħtija fit-3 ta' Frar 1959 fil-kawża "Gulia vs. Portanier",

in kwantu ddikjarat ix-xoljiment tal-enfitewsi fuq indikata, hi bla effett u ma tagħmelx stat di fronti għall-instanti bħala l-attwali utilista u possessur tal-fond 46 Zonqos Terrace, Marsaskala, stante li hu ma kienx parti fil-kawża, u dan għar-raġunijiet premessi; (2) u subordinatament għal dan, u fin-nuqqas ta' dik id dikjarazzjoni, din il-Qorti tordna r-"restitutio in integrum" u r-reintegrazzjoni tal-istanti rifferibbilment għas-sentenza fuq indikata u għat-terminu ta' xahrejn konċess minnha għall-purgazzjoni tal-mora, u tipproroga l-istess terminu għaż-żmien li jidhrilha xieraq, jew takkorda terminu ieħor għall-istess skop; u dan għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni opposta mill-kuraturi Avukat Dottor Francis Portanier u P.L. John Privitera;

Illi skond l-art. 928 (Proċ. Civ.), il-kuraturi jiġu mill-Qorti nominati "biex jidhru u jiddefendu"; u skond il-lokuzzjoni ċara tat-test ingliż, "to appear in and defend proceedings"; liema dispożizzjoni tikkorrispondi għall-art. 945 tal-Liġijiet ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, mhux aktar in vigore, fejn kien jingħad "a sostenere e difendere la causa";

Il'i l-uffiċċju tal-kuratur huwa simili għal dak ta' mandatarju, u l-poteri tiegħu huma limitati mit-termini tal-mandat; jiġifieri huma ristretti għall-kawża li għaliha jkun ġie nominat, u jispiċċaw bis-sentenza u l-eżekuzzjoni tagħha. "Vix autem monendum est", josserva Richeri, "judicata vel alia quacumque ratione extincta lite ejus officum cessare" (Jurisprudentia Universalis, De Curatoribus, Lib. I, Tit. 19, § 1685);

F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna Kollez. XXI-I-261; VII, 140; VIII, 174; XIII, 529);

Għalhekk il-kuratur ma jistgħax jintervjeni f'kawża oħra, wisq anqas meta din tkun intiża biex twaqqa' s-sentenza li fiha hu kien parti (Kollez. IX, 769);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jeħtieġ issir l-indaġini jekk il-kuraturi eċċipjenti għandhomx jew le l-poter li jidhru anki f'din il-kawża in rappreżentanza tal-imsiefer Vincenzo Borda, u għal dan il-fini jrid jiġi eżaminat l-oġġett ta' din u tal-kawża l-oħra. Fil-kawża fl-ismijiet "Gulia et. vs. Dr. F. Portanier et.", deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar 1959, l-atturi kienu talbu l-kundanna tal-konvenuti jħallsu s-somma ta' £33 b'titolu ta' ċens arretrat, kif ukoll ix-xoljiment tar-relattiva konċessjoni enfitewtika u d-devoluzzjoni tal-fond flimkien mal-benefikati skond l-art. 1605 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kawża odjerna hija ntiża prinċipalment biex twaqqa x-xoljiment tal-enfitewsi u d-devoluzzjoni tal-fond akkordati mill-Qorti fil-kawża l-oħra. Hu għalhekk evidenti illi l-kuraturi f'dik il-kawża ma humiex persuni leġittimi biex jidhru għall-imsemmi Vincenzo Borda fil-kawża odjerna; u l-eċċezzjoni tagħhom, meħuda f'dan is-sens, hija fondata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi l-konvenuti kuraturi mhumiex persuni leġittimi biex jidhru f'din il-kawża għall-imsiefer Vncenzo Borda, u tordna li jiġu mqegħdin barra mill-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tas-27 ta' April 1961, għal-leġittimazzjoni tal-atti u għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.